QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 10 ta' Ġunju 2025**

**Kawża Numru: 73/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Justine Grech)**

**kontra**

**Jamie Badawi**

Il-Qorti,

Rat illi Jamie Badawi, ta' dsatax (19)-il sena, iben Colette Micallef, imwieled il-Pieta' fit-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000), residenti fl-indirizz numru wieħed u għoxrin (21), Stonecraft, Triq il-Ħuttafa, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 285200L ġie mressaq quddiemha u akkużat talli nhar id-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) f'dawn il-Gżejjer:-

1. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali tnejn u għoxrin (22) tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985) kif emendat, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga Kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tas-sena elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Ikkommetta dawn ir-reati fi jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta .

Kif ukoll ġie akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar id-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fis-sena ta' qabel din id-data:

5. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali numru tnejn u għoxrin (22) tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985) kif emendati.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali datati erbgħa (4) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020), maħruġa ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u s-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika, li permezz tagħhom l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanzi[2];

Rat illi fl-udjenza ta' nhar it-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu[3];

Semgħet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-abbli avukat difensur;

**Ikkunsidrat :-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

**PC 1564 Kyle Zammit[4]**, stazzjonat l-Iskwadra ta' kontra d-Droga, xehed nhar it-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) u stqarr li fil-lejl ta' bejn id-disgħa (9) u l-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), huwa flimkien mal-kollegi tiegħu, kienu stazzjonati fil-viċinanzi tal-*Aria Club* li jinsab fi Triq il-Għargħur, fil-lokalita' ta' San Ġwann u ġiet innutata persuna maskili, li bdiet tagħmel kuntatt ma bosta persuni oħra żgħażagħ. Dan qanqal suspett li seta' kien qed isir traffikar ta' droga u ġie deċiż li din il-persuna għandha titwaqqaf. Din il-persuna rriżulta li kienet ċertu Jamie Badawi li x-xhud għaraf preżenti fl-awla bħala l-imputat. F'idejh l-imputat sabulu tmien (8) pilloli suspettati *ecstasy*. Fil-but sabulu ukoll żewġ *sachets* bi traċċi ta' kulur aħdar, suspettati *Cannabis grass*. Hemmhekk l-imputat ġie mogħti d-drittijiet tiegħu u l-affarijiet li nstabu ġew elevati fil-presenza tiegħu u ġie eskortat lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-

[1] A fol. 54 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 4 u fol. 5 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 8 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 10 tal-atti proċesswali

Pulizija. In kontro-eżami, ix-xhud jikkonferma li l-pilloli *ecstasy* kienu nstabu f'idejn l-imputat. Igħid li l-imputat kien viċin ħafna tiegħu meta rah jagħmel il-kuntatt ma' dawn iż-żgħażagħ.

**PC 760 Christopher Saliba**[5], stazzjonat l-Iskwadra tar-Reati Maġġuri, xehed nhar is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u stqarr li nhar id-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), kien qiegħed jinżamm *party* ġewwa l-*Liquid Club* li jinsab San Ġwann, fejn hemmhekk għal ħabta tal-ħdax u kwart, il-kollegi tiegħu kienu waqfu persuna, li rriżulta li kien Jamie Badawi li għaraf preżenti fl-awla bħala l-imputat. Igħid li qiegħed jagħrfu għax kien mar viċin il-kollegi tiegħu, fejn sar jaf li minn tfittxija li kienet saret fuq l-imputat, kienu nstabu tmien (8) pilloli suspettati *ecstasy* f'idejh ix-xellugija, kif ukoll f'*man bag* li kien qed iżomm l-imputat instabu żewġ *sachets* vojta b'xi traċċi fihom. Igħid li hu ma kienx involut fit-tfittxija li saret fuq l-imputat.

L-**Ispettur Justine Grech**[6] xehdet nhar is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) u ppreżentat l-istqarrija tal-imputat[7] datata għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Hija tispjega li din l-istqarrija ma tteħditx minnha, minkejja li kienet ta' l-għassa dakinhar, iżda kienet ittieħdet mill-Ispettur Anthony Scerri, fil-preżenza ta' PC 409 Joseph Zarb. Tgħid li dakinhar kien hemm aktar persuni li kienu ġew arrestati u kienet ġiet mgħarrfa li Jamie Badawi, li għarfet fl-awla bħala l-imputat, kien ġie arrestat nhar id-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Tgħid li l-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga kienu nfurmawha li kienu sabu tmien (8) pilloli suspettati *ecstasy* f'idejn l-imputat u hija kienet ordnat li jinżamm arrestat sabiex titkompla l-investigazzjoni. L-Ispettur Grech preżentat ukoll dikjarazzjoni ta' rifjut tal-assistenza legali[8], iffirmata mill-Ispettur Anthony Scerri, mill-imputat, minn PC 409 Joseph Zarb u minn PC 66 Jonathan Pace.

Illi nhar is-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) reġgħet xehdet l-Ispettur Justine Grech u ppreżentat *evidence bag* ssiġillata bin-numru SC 0017620, kontenenti *crusher* bit-traċċi, żewġ *sachets* bit-traċċi u borża kontenenti tmien (8) pilloli *ecstasy*.[9] Hija tispjega li dawn l-oġġetti kienu ġew elevati minn PC 760 u kienu ġew issiġillati fil-preżenza tal-imputat.

[5] A fol. 15 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 17 tal-atti proċesswali
[7] 'Dok JG 1' a fol. 19 *et seq* tal-atti proċesswali
[8] A fol. 22 tal-atti proċesswali
[9] Dan l-*evidence bag* ġie mmarkat bħala 'Dok JG 3'

Illi nhar is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-**prova tal-volontarjeta' tal-istqarrija tal-imputat u tad-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' parir legali** mmarkati bħala 'Dok JG 1' u 'DOK JG 2'[10].

**Dr. Michael Camilleri**, in rappreżentanza tal-*Malta Tourism Authority*, xehed nhar it-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), u preżenta żewġ dokumenti[11].

**Louis Buhagiar**, in rappreżentanza ta' Jobs Plus, xehed nhar it-tlieta (3) ta' Frar tas-s/ena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), u eżebixxa l-*employment history* tal-imputat[12].

**L-ex-Spettur Anthony Scerri[13]** xehed nhar l-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), u stqarr li fiż-żmien li seħħ il-każ odjern, huwa kien Spettur tal-Pulizija stazzjonat l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga. Igħid li huwa kien ħa l-istqarrija tal-imputat fl-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019). Igħid li l-imputat ma kienx ġie arrestat minnu, iżda kien ġie mitkellem minnu. Jispjega li l-imputat kien nstab fil-pussess ta' sustanza suspettata droga fil-lejl ta' qabel meta kien qiegħed il-*Liquid Club*. Igħid li l-imputat kien ammetta miegħu li d-droga misjuba kienet tiegħu u li hu kien jagħmel użu mid-droga. L-imputat kien stqarr miegħu li huwa kien jagħmel użu mid-droga *ecstasy* u kien jieħu bejn tnejn (2) u tliet (3) pilloli kull meta joħroġ. Madanakollu dakinhar kienu nstabu fuqu tmien (8) pilloli, kif ukoll *crusher* bi traċċi tal-*Cannabis* u anke xi boroż bi traċċi tal-Kokaina.

L-Ispettur Scerri jgħid li l-imputat kien stqarr li huwa kien xtrahom sabiex jeħodhom aktar tard matul iż-żmien. Igħid li l-imputat baqa' jinsisti li dawk kienu kollha tiegħu u stqarr li kien ħallas is-somma ta' iktar minn mitt euro (€100) għalihom u li kien xtrahom mingħand persuna ta' karnaġġjon skur. Muri d-dokument immarkat bħala 'Dok JG 1', huwa jikkonferma li dik kienet l-istqarrija rilaxxata mill-imputat u jagħraf il-firma tiegħu, dik ta' PC 409 Joseph Zarb u dik tal-imputat Badawi fuq l-istess stqarrija. Huwa għaraf ukoll id-dikjarazzjoni tar-

---

[10] A fol. 14 tal-atti proċesswali
[11] 'Dok MC 1' u Dok MC 2' a fol. 25 u 26 tal-atti proċesswali. Fl-atti proċesswali hemm biss id-dokumenti preżentati mix-xhud, stante li d-deposizzjoni tiegħu li ngħatat quddiem din il-Qorti diversament preseduta jidher li ma ġietx rekordjata minħabba problema teknika.
[12] 'Dok LB 1' a fol. 37 tal-atti proċesswali
[13] A fol. 47 tal-atti proċesswali

rifjut ta' assistenza legali esebita fl-atti u għaraf il-firma tiegħu, ta' PC 409 Joseph Zarb, ta' PC 66 Jonathan Pace u tal-imputat fuq l-istess dikjarazzjoni.

**Gilbert Mercieca** li nhar is-sittax (16) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) kien ġie nominat bħala espert sabiex jeżamina l-kontenut tal-*evidence bag* eżebit u mmarkat bħala 'Dok JG 3', xehed nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023). Huwa preżenta r-relazzjoni tiegħu[14] u kkonferma li kien irtira d-dokument immarkat bħala 'Dok JG 3'. Minn ezami tal-istess relazzjoni jirriżulta li 'Dok JG 3' kien jikkonsisti f'*evidence bag* bin-numru tas-siġill SC00017620 li kien fiha:-

> "*A. crusher tal-metall ta' lewn ħadrani.*
>
> *B. parti minn borża tal-plastik u żewġ boroż tal-plastik kontenenti traċċi ta' sustanzi.*
>
> *C. Borża tal-plastik li kien fiha pilloli ta' lewn roża. Ġewwa l-borża nstabu 6 pilloli sħaħ, kif ukoll xi pilloli maqsumin u mfarrkin.*"

Għall-analiżi ttieħdet *swab* mill-*crusher* tal-metall ta' lewn ħadrani (JG3/A) fejn ġew identifikati residwi ta' partijiet mill-pjanta tal-*Cannabis*. Ittieħdet *swab* mill-boroż tal-plastik (JG3/B) fejn ġew identifikati traċċi ta' kokaina. Ġew analizzati ukoll tliet (3) kampjuni mill-pilloli ta' lewn roża (JG3/C1-3) li taw riżultat pożittiv għall-preżenza ta' mediċini psikotropiċi. Din is-sustanza ġiet identifikata bħala 3,4-MDMA. Il-persentaġġ medju ta' din is-sustanza ġewwa l-pilloli kienet ta' erbgħa u erbgħin fil-mija (44%), b'valur estimat ta' tmienja u sebgħin ewro (€78).

**Dr. Kristen Camilleri**[15], in rappreżentanza tal-*Malta Tourism Authority*, xehdet nhar it-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), u preżentat il-liċenzja tal-istabbiliment Aria Complex, u ddikjarat illi l-liċenzja ta' dan l-istabbiliment nħarġet fuq isem ċertu Raymond Desira[16].

**L-istqarrija tal-imputat**[17]

L-imputat irilaxxa stqarrija nhar l-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fid-disgħa u għoxrin ta' filgħodu (9:20hrs), fil-preżenza ta' PC 409 Joseph Zarb, wara li ngħata twissija mill-Ispettur Anthony Scerri, li ma huwiex obbligat li jwieġeb għad-domandi li ser isirulu, iżda dak kollu li jgħid jista' jinġab

---

[14] Ir-relazzjoni ġiet immarkata bħala 'Dok GM' u tinsab inserita a fol. 63 tal-atti proċesswali

[15] A fol. 80 tal-atti proċesswali

[16] Id-dokumenti preżentati minnha ġew immarkati bħala 'Dok KC' u ġew inseriti a fol. 83 *et seq* tal-atti proċesswali

[17] A fol. 19 tal-atti proċesswali

bħala prova. L-imputat ikkonferma li fehem it-twissija li kienet ingħatat lilu. Ikkonferma wkoll li mal-arrest tiegħu kien ingħata Ittra bid-drittijiet tiegħu, u li l-Ispettur Scerri kien spjegalu dawn id-drittijiet qabel ma bdiet l-interrogazzjoni, fosthom id-dritt li jikkonsulta ma avukat tal-għażla tiegħu qabel l-istqarrija, kif ukoll li jkollu l-avukat tiegħu preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija. Huwa ffirma dikjarazzjoni f'dan ir-rigward fejn iddikjara li qiegħed jirrinunzja milli jeżerċita d-dritt ta' assistenza legali.[18]

Fl-istqarrija tiegħu, l-imputat igħid li kien jaħdem f'ħanut tal-*mobile phones* ġewwa l-Fgura, iżda kien waqaf minn dan ix-xogħol. Igħid li jħobb imur il-*parties*, l-iktar il-*Liquid Club*. Igħid li jieħu d-droga *ecstasy* u li ilu sena jieħu din id-droga. Igħid li regolarment jieħu minn tnejn (2) sa tliet (3) pilloli *ecstasy* f'lejl wieħed meta joħroġ. Igħid li fil-lejl ta' qabel kien flimkien ma sħabu ġewwa l-*Liquid Club*. Mistoqsi min huma sħabu, igħid li l-iktar wieħed viċin tiegħu kien Trevis, li jgħid li jinsab arrestat ukoll. Igħid li ma jafx li lil Trevis instabitlu d-droga ukoll. Mistoqsi mingħand min jixtri d-droga, huwa jgħid li jixtriha mingħand nies li jkunu barra u li d-droga tal-ġurnata ta' qabel kien xtraha mingħand persuna maskili ta' karnaġġjon skur. Mistoqsi għaliex fil-jum ta' qabel kellu tmien (8) pilloli fuqu, jekk huwa jikkonsma biss minn żewġ (2) sa tliet (3) pilloli *ecstasy*, igħid li ried iżommhom għal iktar tard matul il-lejl u forsi jibqagħlu għall-ġimgħa ta' wara. Igħid li huwa ma jagħmilx użu minn droga oħra.

Muri l-*evidence bag* kontenenti l-*crusher* bi traċċi tal-*cannabis grass*, żewġ *sachets* vojta bi traċċi u borża bi tmien (8) pilloli *ecstasy,* huwa jikkonferma li din id-droga u l-oġġetti nstabu fil-pussess tiegħu l-ġurnata ta' qabel. Huwa jgħid li fil-*crusher* hemm il-*cannabis grass* u fil-boroż hemm il-kokaina. Mistoqsi għaliex kellu t-traċċi tal-kokaina u tal-*cannabis grass* meta stqarr li ma jagħmilx użu minn drogi oħra, jgħid li dawn kienu kollha għalih. Igħid li kien ħa d-droga kokaina ġewwa Paceville u żamm il-boroż. Igħid li l-*crusher* użah biex ipejjep *joint* u kien bi ħsiebu jieħu ħames (5) pilloli ecstasy dak il-lejl stess u jħalli tnejn (2) għall-ġimgħa ta' wara. Igħid li l-cannabis u l-kokaina kien xtrahom mingħand persuna ta' karnaġġjon skur ukoll.

L-imputat ma kienx lest li jagħti l-*password* tal-*mobile phone* tiegħu lill-Pulizija sabiex tkompli tinvestiga, għalkemm kien lest li jagħti l-impronti tiegħu lill-Pulizija. Huwa jiċħad li jbiegħ d-droga sabiex isostni l-vizzju tiegħu. Igħid li d-droga li kellu fuqu dakinhar li waqqfitu l-Pulizija swietu madwar mija u għaxar

[18] 'Dok JG 2' a fol. 22 tal-atti proċesswali

ewro (€110). Mistoqsi minn fejn kien iġib il-flus sabiex joħroġ jiddeverti u jixtri d-droga, ġjaladarba ma kellux introjtu, igħid li l-flus kienet tatijhomlu ommu. Minkejja li l-Pulizija sabu tlett tipi ta' droga fuqu dak in-nhar tat-tfittxija huwa jibqa' jsostni li dawk kien ser jużahom kollha hu. Huwa jiċħad li rreżista l-arrest u igħid li huwa kien waqaf mal-ewwel. Huwa jgħid li m'għandux bżonn għajnuna.

**L-imputat għażel li jixhed ukoll f'dawn il-proċeduri.** Huwa xehed nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024)[19] u stqarr li dakinhar tad-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) kien qed jimxi minn ħdejn il-*Mekkek Bar* lejn il-*Liquid Club* u waqt li kien qed jaqsam it-triq, ħass lil xi ħadd jaqbdu minn wara u sema' kliem ħażin bil-Malti, u bdew jgħidulu aħna nafu x'għamilt. Igħid li dak il-ħin f'idejh kellu l-pilloli *ecstasy* li kienu għall- użu personali tiegħu u li kien miexi bihom sabiex jiltaqa' ma sħabu sabiex jiddeverti dak il-lejl. Jispjega li l-pilloli *ecstasy* kienu f'idejh ix-xellugija.

L-imputat igħid li l-Pulizija kienu erbgħa (4) jew ħamsa (5), li kienu goffi miegħu, li poġġewh mal-art u li anke użaw it-*taser gun* u li beda jgħajjat bl-uġiegħ. Igħid li l-Pulizija għamlu tfittxija fil-basket li kellu fuqu u sabu *crusher,* żewġ boroż bit-traċċi u pakkett karti tal-logħob. Igħid li għamlulu l-manetti u wara ħaduh l-Isptar il-Furjana sbiex jiċċekjaw jekk kellux tbenġil. Igħid li għamlulu ukoll tfittxija fuq persuntu u li neżżgħuh għarwien waqt li kien fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Huwa jgħid ukoll li ma ngħatalux id-dritt li jikkonsulta ma avukat. Igħid ukoll li meta kien ġie mistoqsi lil min irid jikkuntatja, huwa kien qal lill-Pulizija li xtaq jikkuntatja lill-ommu, iżda meta mar id-dar sar jaf li lil ommu ma kinux ċemplulha.

L-imputat jikkonferma li huwa kellu tmien (8) pilloli *ecstasy* f'idejh. Igħid li ma kien għadu ħa xejn minnhom. <u>In kontro-eżami</u>, igħid li huwa kien informa lill-Ispettur Anthony Scerri bl-atteġġjament tal-Pulizija nvoluti fl-arrest tiegħu, iżda l-Ispettur kien qallu li r-raġuni għalfejn ma kienx ser jiktibha kienet li hu persuna kbira u jridu jużaw iktar forza fuqu. Jerġa' jistqarr li huwa ma kienx ingħata d-dritt tal-avukat.

**Ikkunsidrat:**

Illi b'mod preliminari, jingħad illi għalkemm matul l-andament tal-proċeduri u fis-sottomissjonijiet finali, l-imputat ma qajjem l-ebda lanjanza dwar il-prova tal-istqarrija rilaxxata minnu, din il-Qorti tħoss li għandha tindirizza dak mistqarr

[19] A fol. 96 tal-atti proċesswali

mill-imputat fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti. Referenza ssir għal dik il-parti tax-xhieda tal-imputat, fejn huwa ġie mistoqsi mill-avukat difensur jekk kienx ingħata d-dritt tal-assistenza legali:-

*"Difiża: Inti ingħatajt il-possibilita' li tikkonsulta ma' Avukat meta inti itteħidt iktar 'il quddiem l-għassa?*

*Xhud: No."*

Issir referenza ukoll għall-kontro-eżami f'dan ir-rigward, fejn intqal:-

*"Prosekutur: Ulterjuri minn hekk, inti qed tgħid li d-dritt tal-avukat tiegħek ma kienx ingħatalek.*

*Xhud: Le."*

Illi din il-Qorti tqis illi fl-istqarrija tiegħu eżebita in atti, l-imputat stess jikkonferma li mal-arrest tiegħu, huwa kien ingħata ittra bid-drittijiet. L-imputat jikkonferma ukoll fl-istqarrija tiegħu, li kien ġie spjegat lilu mill-Ispettur Scerri fiex kienu jikkonsistu dawn id-drittijiet, fosthom illi huwa għandu d-dritt li jikkonsulta ma' rappreżentant legali tal-fiduċja tiegħu, kif ukoll li r-rappreżentant legali jista' jkun preżenti waqt l-interrogazzjoni. Fl-atti proċesswali ġiet eżebita ukoll id-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' assistenza legali, minn fejn jirriżulta li l-imputat kien irrinunzja għad-dritt tal-assistenza legali. Jirriżulta ukoll li l-imputat għażel li jiffirma kemm l-istqarrija rilaxxata minnu, kif ukoll id-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' assistenza legali. <u>Illi *in oltre*, jirriżulta ukoll mill-verbal tal-udjenza ta' nhar is-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), li d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni mill-prova tal-volontarjeta' tal-istqarrija u d-dikjarazzjoni ta' rifjut ta' parir legali !</u>

Il-Qorti tqis ukoll li għalkemm l-imputat ma huwa tenut li jipprova xejn u l-provi jinkombu fuq il-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, ġjaladarba l-imputat fix-xhieda tiegħu allega li huwa ma ngħatax d-dritt għall-assistenza legali, kien jispetta lilu li jġib din il-prova. Dan a bażi tal-prinċipju kardinali li min jallega jrid jipprova. Din il-prova setgħet tinġab faċilment bl-użu tal-kontro-eżami. Madanakollu l-Qorti tinnota li nonostante l-fatt li l-Ispettur Anthony Scerri li kien ħa l-istqarrija tal-imputat, u li kien nforma lill-imputat bid-dritt tal-assistenza legali ġie mressaq bħala xhud mill-prosekuzzjoni, l-imputat hekk kif debitament assistit kien għażel li ma jagħmel l-ebda kontro-eżami lil dan ix-xhud la f'dik l-udjenza u lanqas fl-ebda stadju ieħor tal-proċeduri. Lanqas ma sar l-ebda kontro-eżami lil PC 1564 Kyle Zammit li fix-xhieda tiegħu stqarr li l-

imputat kien ġie mogħti d-drittijiet tiegħu qabel ma ġie eskortat lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Illi għalhekk, stante li fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputat ma pruvax il-fatt allegat minnu almenu sal-grad tal-probabli, din il-Qorti mhux ser tiskarta d-dikjarazzjonijiet tal-imputat iżda ser teħodhom in konsiderazzjoni flimkien mal-provi l-oħra kollha mressqa f'dawn il-proċeduri. Illi *in oltre* jingħad ukoll li dawn id-dikjarazzjonijiet ma humiex l-unika prova li fuqha l-prosekuzzjoni qegħda sserraħ il-każ tagħha.

**L-ewwel (1) imputazzjoni**

Illi kif jirriżulta mit-trattazzjoni finali tagħha, id-difiża ma hijiex qegħda tikkontesta l-pussess 'sempliċi' tad-droga *ecstasy*, minkejja li ma ġietx reġistrata ammissjoni formali għal dik l-imputazzjoni, iżda qegħda tikkontesta l-imputazzjoni ta' pussess 'aggravat' tad-droga *ecstasy* u dan għaliex id-difiża tikkontendi li l-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni ma jwasslux għal tali reat.

Illi jirriżulta li nhar id-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-imputat ġie mwaqqaf mill-Pulizija meta fil-pussess tiegħu kellu tmien (8) pilloli. M'hemmx dubbju mir-riżultanzi tar-relazzjoni tal-espert Gilbert Mercieca li l-pilloli in kwistjoni kienu dawk komunement magħrufa bħala *ecstasy.* L-imputat stess kemm fl-istqarrija tiegħu, kif ukoll fid-deposizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, jikkonferma li meta ġie mwaqqaf mill-Pulizija huwa kellu tmien (8) pilloli *ecstasy* fil-pussess tiegħu. Fil-fatt fid-deposizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti jingħad hekk :

> *"Difiża: Għamilt referenza li kellek xi pilloli f'idejk. Kemm kellek eżatt pilloli ?*
>
> *Xhud: Tmienja.*
>
> *Difiża: U kemm waqgħu minnhom ?*
>
> *Xhud: Tmienja."*

Għaldaqstant, m'hemmx dubju li fil-jum in kwistjoni, l-imputat kien fil-pussess tad-droga *ecstasy*. Madanakollu l-imputat igħid li din id-droga kienet għall-użu personali tiegħu. Għalhekk dak li jeħtieġ li jiġi deċiż minn din il-Qorti, huwa jekk tali pussess kienx wieħed aggravat u dan fis-sens illi d-droga misjuba ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-istess imputat.

Jingħad illi sabiex persuna tinsab ħajta ta' pussess aggravat, il-prosekuzzjoni ma hijiex tenuta tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni jispaċċa d-droga. Illi kif ġie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Fabri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017):

> *'Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "possession with intent to supply", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta l-ispacc. Illi ghalhekk ghalkemm kif inghad, hemm din id-distinzjoni fina bejn il-legislazzjoni taghna u dik Brittanika, l-prova hija l-istess dwar l-inferenza li tista' issir mill-gudikant. Madanakollu jerga' jigi ribadit illi l-prova fil-ligi ingliza hija wahda iktar iebsa fuq il-Prosekuzzjoni li trid necessarjament tipprova l-intenzjoni ta l-ispacc kuntrarjament ghal-ligi taghna fejn l-intenzjoni trid tkun tali li tindika li din ma kenitx ghall-uzu esklussiv tal-hati."*

Kif ingħad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, deċiża fit-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999), mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-*

*grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."*

Kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Marius Magri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005), kawżi li jikkonċernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat:

> *"... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. <u>Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed</u>[20] (Ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio"** (26.8.1998)."*

Illi pero kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana** deċiża fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002),

> *"Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli".*

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

[20] Enfasi ta' din il-Qorti

*" ... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

Fil-każ in eżami, kif ingħad, il-Prosekuzzjoni ressqet il-prova fil-grad rikjest mill-liġi, kemm tal-ammont tad-droga misjuba, kif ukoll tal-pussess tal-istess droga. B'referenza għaċ-ċirkostanzi li fihom l-imputat instab fil-pussess tal-pilloli *ecstasy*, il-Qorti tqis illi l-imputat ma kienx fil-pussess ta' dawn il-pilloli waqt li kien fir-residenza privata tiegħu, iżda dawn il-pilloli nstabu fuq il-persuna tiegħu waqt li kien ħdejn il-*Liquid Club*, li huwa post magħruf għad-divertiment. Illi *in oltre*, l-ammont ta' tmien (8) pilloli *ecstacy*, misjuba fil-pussess tal-imputat, huwa wieħed konsiderevoli u ċertament ma huwiex ammont li wieħed normalment jassoċjah ma użu personali f'lejl wieħed ta' divertiment.

Fir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi minkejja li l-imputat fl-istqarrija tiegħu, igħid li huwa kien jikkonsma d-droga *ecstasy* fiż-żmien tal-każ odjern, jibqa' l-fatt, fil-fehma tagħha, illi l-imputat ma ġabx prova, imqar sal-grad tal-probabli, sabiex jiġġustifika l-fatt illi fuq il-persuna tiegħu, huwa kellu tmien (8) pilloli *ecstasy* meta kien ħdejn il-*Liquid Club*. L-imputat stess igħid fl-istqarrija tiegħu, li meta joħroġ huwa regolarment jieħu minn tnejn (2) sa (3) pilloli *ecstasy*.

Illi *in oltre*, il-Qorti ma tistax ma tieħux kont u tqis bħala fatturi sinjifikanti ukoll li fil-pussess tal-imputat instabu ukoll żewġ boroż tal-plastik kontenenti traċċi ta' kokaina, u *crusher tal-metall* b'residwi tal-pjanta *cannabis* u dan meta l-imputat stess fil-bidu tal-istqarrija tiegħu jgħid li huwa ma jagħmilx użu minn droga oħra apparti l-*ecstasy*. Il-Qorti tinnota li għalkemm fil-bidu tal-istqarrija tiegħu l-imputat igħid li huwa jikkonsma biss id-droga *ecstasy* u meta joħroġ huwa regolarment jieħu minn tnejn (2) sa tliet (3) pilloli *ecstasy* f'lejl, aktar tard fl-istqarrija tiegħu, meta rinfaċċjat bil-fatt li fil-pussess tiegħu nstabu tmien (8) pilloli *ecstasy* u żewġ boroż tal-plastik kontenenti traċċi ta' kokaina, u *crusher tal-metall* b'residwi tal-pjanta *cannabis*, huwa jbiddel il-verżjoni u jgħid illi *"Il-kokajina kont Paceville u ħadtha u żammejt il-borża, il-crusher użajtu biex inpejjep joint u l-ecstasy kont beħsiebni nieħu ħamsa dak il-lejl stess u tnejn għal ġimgħa ta' wara."* Il-Qorti għalhekk tqis li ftit li xejn huwa kredibbli dak li

jingħad mill-imputat dwar id-droga li nstabet fuqu. Illi l-fatt li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu tmien (8) pilloli *ecstacy* ċertament li ma huwiex rikonċiljabbli ma pussess għall-użu personali. L-imputat kellu ċertament iżjed droga milli kien jeħtieġ għall-konsum tiegħu f'lejl wieħed.

Meqjusa dawn il-fatturi kollha flimkien, il-Qorti tqis illi ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li d-droga *ecstasy* misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra l-imputat, tirriżulta sodisfaċentement ippruvata fil-grad rikjest mill-liġi.

**It-tieni (2) imputazzjoni**

Illi fil-kuntest imsemmi fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, u fid-dawl tar-riżultanzi tar-relazzjoni tal-espert Gilbert Mercieca, jirriżulta wkoll ir-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina. Illi għaldaqstant it-tieni (2) imputazzjoni ukoll ġiet sodisfaċentament ippruvata.

**It-tielet (3) imputazzjoni**

Permezz tat-tielet (3) imputazzjoni imbagħad, l-imputat qiegħed jiġi akkużat li fl-istess data, huwa kien fil-pussess tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha għall-użu esklussiv tiegħu, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti rat ir-rapport tal-espert Gilbert Mercieca, minn fejn jirriżulta li fil-*crusher* tal-metall ta' lewn ħadrani li nstab fil-pussess tal-imputat, ġew identifikati biss residwi ta' partijiet mill-pjanta tal-*Cannabis*.

Għaldaqstant fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, din il-Qorti jeħtieġ li tqis l-emendi ntrodotti permezz tal-Att LXVI tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) li emenda diversi liġijiet fir-rigward ta' ċerti attivitajiet relatati mal-*cannabis*. Permezz tal-imsemmi Att ġie ntrodott l-Artikolu 4A(1) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li :-

> *"4A. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax(18)-il sena tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, ma għandux jikkostitwixxi reat, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejn hemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis:"*

Illi dan ifisser illi llum il-ġurnata, persuna ta' 'l fuq minn tmintax-il sena, bħall-imputat odjern, li jkun fil-pussess tad-droga *cannabis* f'ammont ta' mhux iktar minn seba' (7) grammi għall-użu personali, ma hijiex soġġetta għall-proċeduri kriminali. Illi għalhekk għalkemm l-pussess tad-droga *cannabis* fl-ammont ta' anqas minn seba' (7) grammi għall-użu personali tal-imputat kien jikostitwixxi reat meta seħħ, u cioe' fid-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), dan m'għadux jiġi kkunsidrat bħala reat illum il-ġurnata.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ta' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), fl-ismijiet **Il-Pulizija -vs- Juanita Fenech**, ġie ritenut:

> *"Illi minn żmien l-għoti tas-sentenza appellata, gie promulgat l-Att XI tas-sena 2018, permeżż ta' liema ligi gdida dwar il-Midja u il-Malfama, l-artikolu 252 tal-Kodiċi Kriminali li jikkostitwixxi l-bażi legali tal-akkuża miġjuba kontra l-appellanti ġie abrogat. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.*
>
> *Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, ilQorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*
>
> *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*

*Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014. Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal 17 (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*

*B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka is-sentenza appellata u billi r-reat li dwaru l-appellanti giet akkuzata illum gie abrogat, tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-akkuza migjuba kontra taghha."*

Illi għalhekk in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat.

**Ir-raba' (4) imputazzjoni**

Illi permezz tar-raba' (4) imputazzjoni, l-imputat qiegħed jiġi akkużat li kkommetta r-reati ta' pussess aggravat ta' *ecstasy* u ta' pussess sempliċi tad-droga kokaina u ta' cannabis fi, jew ġewwa d-distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post ieħor fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

Illi ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tat-tieni proviso tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom

x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena tiżdied bi grad f'każ ta' persuna li tinsab ħatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ. Illi għalhekk il-Qorti tqis li dan il-proviso ma huwiex applikabbli fejn l-imputat jinsab akkużat bil-pussess sempliċi (u mhux pussess aggravat) tad-droga kokaina u *cannabis*.

Illi madanakollu tenut kont li l-ewwel (1) imputazzjoni ta' pussess aggravat tad-droga *ecstasy* ġiet sodisfaċentament ippruvata skond il-liġi, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirrizza l-aggravju tal-mitt metru marbut mal-istess imputazzjoni. Mill-provi mressqa jirriżulta li l-imputat ġie mwaqqaf fil-viċinanzi tal-*Club* in kwistjoni. L-imputat stess igħid li huwa kien miexi minn ħdejn il-*Mekkek Bar*, lejn il-*Liquid Club* li huwa stess igħid li jinsab *"right next to it"*. Igħid li l-*Mekkek Bar* jinsab *"across from Liquid Club."* Illi mid-dokument eżebit minn Dr. Kristin Camilleri in rappreżentanza tal-*Malta Tourism Authority,* jirriżulta li l-istabbiliment Aria huwa klassifikat bħala '*Disco and Night* Club' u li d-disco għandu jinżamm ġewwa l-*Liquid Club (ex Vibes)* li huwa parti mill-istess stabbiliment. Illi għalhekk huwa evidenti li dan huwa post li jiġi frekwentat u li fih jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Għaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju tad-distanza ġie ukoll ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi. B'hekk l-imputat ser jinsab ħati anke ta' din l-imputazzjoni.

**Il-ħames (5) imputazzjoni**

Fil-kuntest imsemmi minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, jirriżulta wkoll ir-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga *ecstasy,* iżda din il-ħames (5) imputazzjoni b'referenza għad-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), ser tiġi meqjusa bħala assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat igħid ukoll li kien ilu jieħu d-droga *ecstasy* għal dik l-aħħar sena u għaldaqstant l-imputazzjoni numru ħamsa (5) ġiet ukoll sodisfaċentement ippruvata b'referenza għaż-żmien ta' sena qabel id-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019).

**Dwar il-piena**

Ai fini ta' piena dina l-Qorti qieset l-imputazzjonijiet li tagħhom il-*qua* imputat qiegħed jinsab ħati, kif ukoll iċ-ċirkostanzi relatati mal-istess. Tqis ukoll t-trapass taż-żmien, kif ukoll il-fatt li l-imputat kien għad għandu biss dsatax (19)-il sena fiż-żmien li ġew imwettqa dawn ir-reati u li kellu fedina penali netta. Din il-Qorti

hija sprovvista minn fedina penali aġġornata tal-imputat. Qieset ukoll l-ammont ta' droga *ecstasy* involut, li kien dak ta' tmien (8) pilloli *ecstasy.*

Qieset ukoll l-emendi reċenti introdotti permezz tal-Att numru sebgħa (7) tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), li emenda liġijiet varji relatati mad-droga, u li permezz tiegħu ġie miżjud s-subartikolu ġdid (9a) fl-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan is-subartikolu huwa applikabbli ukoll f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-persuna imputata taħt l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Qieset illi għalkemm tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, din il-Qorti hija tal-fehma li l-piena ta' priġunerija li għandha tiġi mposta fuq l-imputat ma għandix teċċedi s-sentejn (2) priġunerija, din il-Qorti hija sprovvista minn kwalunkwe prova li turi *"r-rijabilitazzjoni tal-persuna misjuba ħatja u t-tibdil fil-mod tal-ħajja u fl-imġieba tal-persuna misjuba ħatja".* Illi għaldaqstant hija tal-fehma li ma tistax tapplika din id-disposizjoni tal-liġi fil-konfront tal-imputat u għaldaqstant tenut kont tal-fatt illi l-imputat qiegħed jinstab ħati ta' pussess tad-droga *ecstasy* mhux għall-użu esklussiv tiegħu, il-piena trid tkun bilfors waħda ta' priġunerija effettiva.

Qieset ukoll fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, li mir-rapport tal-espert Gilbert Mercieca jirriżulta li ġewwa ż-żewġ boroż tal-plastik misjuba fil-pussess tal-imputat, instabu biss traċċi ta' kokaina. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti, anke b'applikazzjoni tal-prinċipju li kull dubbju għandu jmur a favur tal-imputat, ma jirriżultaliex li l-ammont ta' droga kokaina kien ta' iktar minn żewġ grammi. Illi għaldaqstant qegħda tqis li llum huwa applikabbli l-Artikolu 4 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li:

> *4.(1) Fejn akkuża ta' ksur tal-liġijiet dwar id-droga tikkonsisti f'akkuża ta' pussess ta' droga projbita li ma tkunx id-droga kannabis, fi kwantità ta' anqas minn żewġ grammi jew ta' żewġ pilloli tad-droga 'ecstacy' jew ta' żewġ pilloli projbiti oħra, irrispettivament mill-purità, f'ċirkostanzi li ma jwasslux li wieħed raġonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex għall-użu personali tal-persuna li għandha l-pussess tagħha, dik il-persuna għandha tkun soġġetta għal proċess skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, u meta tinsab ħatja mill-Kummissarju għall-Ġustizzja assenjat mill-Ministru sabiex jisma' każijiet dwar reati ta' droga teħel penali bejn ħamsa u sebgħin euro (€75) u mija u ħamsa u għoxrin euro (€125):*

Illi qieset ukoll li l-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kapitolu 291 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li:

> *(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, reat kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li tista' ssir prosekuzzjoni dwaru taħt dan l-Att m'għandux jieqaf milli jkun reat kriminali u l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom ġurisdizzjoni konkorrenti sabiex jagħtu deċiżjoni dwar dak ir-reat hekk iżda li l-piena applikabbli wara dħul fis-seħħ ta' dan l-Att m'għandhiex tkun ogħla mill-pieni li kienu jkunu applikabbli li kieku r-reat tressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att:*
>
> *Iżda l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom,bis-saħħa ta' dan l-Att, is-setgħa li japplikaw kull piena li tista' tiġi applikata minn Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att fir-rigward ta' reat li skont dan l-Att għandu jitressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja.*

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern hawn fuq imsemmija, dina l-Qorti bis-saħħa tal-artikoli hawn fuq stipulati hija tal-fehma li l-piena applikabbli fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni hija dik ta' penali stipulata fl-Artikolu 4 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima III, IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii), kif ukoll it-tieni proviso tal-Artikolu 22(2) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, r-Regolament disgħa (9) tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i)(ii), kif ukoll it-tieni proviso tal-Artikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Leġislazzjoni Sussidjarja 31.18, l-Artikoli 4 u 4A tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kapitolu 291 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, billi r-reat li dwaru l-imputat **Jamie Badawi** ġie akkużat fit-tielet (3) imputazzjoni illum ġie abrogat, tastjeni milli

tieħu iktar konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni, filwaqt li qegħda ssibu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi fir-rigward tal-ewwel (1), ir-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni, qegħda tikkundannah għall-piena ta' ħdax (11)-il xahar priġunerija effettiva, kif ukoll multa ta' elf u mitejn ewro (€1200). Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien tlettax (13)-il xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, qegħda tikkundannah għall-penali ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75).

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati jħallas is-somma ta' ħames mija u disgħin ewro (€ 590) rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-espert Gilbert Mercieca f'dawn il-proċeduri fi żmien seba' (7) xhur mill-llum.

Il-Qorti qegħda f'dan l-istadju tordna d-distruzzjoni tas-sustanzi esebiti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara